TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

William Dingli

vs

Skidmarks Technician Ltd

CCT 161/16/MS

19 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat fis-7 ta' Settembru 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' intimata li thallsu s-somma ta' €1182.43, prezz ta' *spare parts* u oggetti ohra in konnessjoni ma' armar ta' mutur, liema *parts* u oggetti ma kienux kompatibbli mal-mutur koncernat.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata, fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, fost eccezzjonijiet ta' natura procedurali ohra.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ra illi r-rapprezentant tas-socjeta' intimata qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu, nonostante illi nghataw almenu tlett differimenti sabiex din tressaq il-provi taghha, jew direttament jew permezz ta' affidavit, izda minn dan kollu m'ghamlet xejn.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li r-rikorrent kien qabbad lis-socjeta' intimata rapprezentata minn Brian Cauchi sabiex dan tal-ahhar jarma mutur minn parts illi jigu suppliti kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-istess Cauchi. Avolja ma hemm l-ebda indikazzjoni meta sar il-ftehim bejniethom, dana probabbilment sar f'xi zmien fit-2010 / 2011. Ftehmu illi r-rikorrent ihallas hames mitt Euro fix-xahar "meta jista'", bl-ewwel pagament li sar fit-2011. Ix-xoghol fuq dan il-mutur dam sejjer bosta snin, bir-rikorrent ihallas total ta' €13,970, izda sal-Milied tal-2015, dan il-mutur ma kienx ghadu lest. F'Jannar tal-2016, ir-rikorrent inkarigu lil Mark Muscat sabiex jaghmel trattativi ma' Brian Cauchi u jaslu ghal ftehim. Meta dan ma sarx, ir-rikorrent inkariga lill-avukat Dr. Michael Grech biex jikteb ittra legali fuq din il-kwistjoni. Meta hawn ukoll il-partijiet ma ftehmux, ir-rikorrent mar ghand il-pulizija.

Illi PC 1459 Mark Anthony Buttigieg jikkonferma illi r-rikorrent mar ghandu b'dan il-kaz, fi Frar tal-2016. PC Buttigieg iddiskuta l-kaz mal-ispettur Cutajar u l-AC Silvio Valletta. Irrispettivament mill-konkluzjoniet li dawn tal-ahhar waslu, PC Buttigieg ipprova jwassal il-partijiet u ffirmaw skrittura datata 5 ta' Marzu 2016 (Dok FG1). Il-*parts* ingabru u gew konsenjati lir-rikorrent. Hawnhekk, dan tal-ahhar irrejalizza illi l-*parts* li rcieva ma kienux kompatibbli mal-mutur illi kien qed jinbena u talab illi jigi rizarcit il-prezz taghhom. Il-lista ta' dawn il-*parts* tinsab kemm fl-avviz originali kif ukoll f'dokumenti esebiti fl-atti, ghal total ta' €1,182.43.

Ikkunsidra

Illi fir-risposta taghha, is-socjeta' intimata issemmi diversi eccezzjonijiet preliminari ta' natura procedurali. Is-socjeta' intimata ma gabet l-ebda prova in sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaghti affidament ghal semplici dikjarazzjoni, mhux guramentata, li baqghet mhux pruvata. Ghalhekk mhux il-kaz li t-Tribunal joqghod jinhela fil-kunsiderazzjonijiet tal-legalita' o meno ta' dawn l-eccezzjonijiet illi jisthoqqilhom li jkunu michuda.

Ikkunsidra

Illi dwar il-mertu, t-Tribunal m'ghandux il-konfort tax-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' intimata, peress illi kif gja nghad, kellu diversi opportunatijiet biex jixhed u dan m'ghamlux. Dan ma jirriflettix serjeta' u professjonalita' min-naha tar-rapprezentant Brian Cauchi. Tajjeb jew hazin, ix-xhieda tar-rikorrent hija korroborata minn PC 1459 Mark Anthony Buttigieg kif ukoll minn dokumenti ohra (ara skambju ta' *emails* bejn Mark Muscat u Adrian Vella illi sussegwentement gie mqabbad mir-rikorrent biex ikompli x-xoghol fuq il-mutur), izda jibqa' l-fatt li r-rikorrent inghata *parts* illi ma kienux kompatibbli mal-progett li kien qed jaghmel. Ta' dan haqqu li jkun rizarcit.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata li thallas lill-istess rikorrent is-somma ta' €1,182.43. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata. Tordna wkoll illi wara li jsir il-hlas, is-socjeta' intimata ikollha d-dritt tiehu lura l-*parts* msemmija fl-avviz promotur.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru